MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1245/1991/1

**George Spiteri bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Spiteri Tiles Limited***

***Versus***

**Paul Borg**

Din il-kawża hija dwar talba għall-ħlas tal-prezz ta' materjal maħdum u mibjugħ.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi ħadmet fuq ordni tal-konvenut u bigħetlu materjal ta' rħam u granit, u l-konvenut fadallu jagħti elf, ħames mija u tmienja u sittin lira (Lm1,568) mill-prezz miftiehem. Billi għalxejn sejħet lill-konvenut, ukoll b'ittra tas-16 t'Ottubru 1990, biex iħallas, l-attriċi fetħet dinil-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha elf, ħames mija u tmienja u sittin lira (Lm1,568) flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħax minn dakinhar tal-konsenja sa meta jsir il-ħlas.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma għandux jagħti elf, ħames mija u tmienja u sittin lira (Lm1,568) għax il-bilanċ mitlub mill-attriċi ma huwiex maħdum fuq il-prezz miftiehem bejn il-partijiet, u għalhekk għandha ssir likwidazzjoni ta' dak li tassew għandha tieħu s-soċjetà attriċi;
2. għandu jsir tnaqqis ukoll għax il-granit konsenjat mis-soċjetà attriċi u mqiegħed fit-taraġ ta' barra tad-dar tal-konvenut ma huwiex tal-kwalità miftiehma għax fih difetti u fih ukoll varjazzjonijiet fil-kulur għax ma nqatax mill-istess lastri; u
3. għar-raġunijiet miġjuba fuq, is-soċjetà attriċi għandha f'kull każ tbati l-ispejjeż tal-kawża.

Billi sabiex taqta' din il-kawża kienet teħtieġ l-għajnuna ta' perit, il-qorti b'dikriet tat-8 ta' Ġunju 1992 ħatret perit tekniku u dan irrelata fit-23 ta' Marzu 1998. Kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut ma qablux mal-konklużjonijiet tal-perit u talbu li jinħatru periti addizzjonali, li nħatru b'dikriet tal-15 ta' Marzu 1999. Ġara iżda illi kemm is-soċjetà attriċi, b'rikors tal-25 ta' Marzu 2002, kif ukoll il-konvenut, b'nota tad-19 ta' Mejju 2003, irtiraw it-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali. Billi iżda lill-qorti dehrilha illi kellha tagħmel mistoqsijiet ulterjuri lill-ewwel perit, reġgħet ħatritu b'dikriet tat-30 ta' Ġunju 2004, u l-perit wieġeb għall-mistoqsijiet tal-qorti fil-11 t'Ottubru 2005.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Il-konvenut kien qabbad lis-soċjetà attriċi biex taħdimlu u tqegħedlu xogħol ta' rħam u granit fid-dar tiegħu: inħadmu u tqiegħdu granit fit-taraġ ta' ġewwa tal-fond, sollijiet ta' l-irħam madwar il-post, u granit fit-taraġ ta' barra li jagħti mill-intrata għall-bieb ta' barra. Il-konvenut qiegħed igħid illi (a) il-prezz mitlub ma huwiex dak li dwaru sar ftehim u (b) il-granit tat-taraġ ta' barra sar ħażin u fih ukoll xi difetti.

Inqisu l-ewwel il-kwistjoni dwar il-prezz.

Il-konvenut fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu qal illi għat-taraġ ta' ġewwa l-partijiet ftiehmu fuq rata ta' erbgħa u ħamsin lira (Lm54) kull metru; fix-xhieda tiegħu imbagħad qal illi għat-taraġ ta' ġewwa kienu ftiehmu fuq prezz ta' elf u seba' mitt lira (Lm1,700). Id-direttur tas-soċjetà attriċi, min-naħa l-oħra, qal illi l-ftehim kien fuq rati mhux fuq somma; is-somma issemmiet biss bħala indikazzjoni biex il-konvenut ikun jaf bejn wieħed u ieħor kemm kien ser jiġi

jiswa x-xogħol, iżda l-ftehim kien illi x-xogħol jitkejjel biex jinħadem il-prezz. Qal ukoll illi r-rata fil-bidu kienet ta' tlieta u sittin lira (Lm63) kull metru, iżda tbaxxiet għal disgħa u ħamsin lira (Lm59) meta l-konvenut qabbad lill-attriċi biex tagħmillu xogħol ieħor.

Il-qorti taqbel mal-perit illi aktar hija konsistenti x-xhieda mogħtija min-naħa tas-soċjetà attriċi milli dik mogħtija mill-konvenut, li beda biex qal li sar ftehim fuq rati u mbagħad qal li sar ftehim fuq somma.

Il-qorti għalhekk taqbel mal-perit illi x-xogħol għandu jitkejjel fuq rata ta' disgħa u ħamsin lira (Lm59) kull metru, u din ir-rata tgħodd ukoll għat-taraġ ta' barra.

Dwar is-sollijiet ta' l-irħam, il-konvenut qal illi għandu jiġi likwidat il-prezz tagħhom għax ma sarx ftehim dwarhom.

Ukoll jekk dan hu minnu, il-perit sab illi l-prezz ta' tliet liri (Lm3) kull pied, mitlub mis-soċjetà attriċi, huwa prezz ġust u raġonevoli.

Meta ħadem b'dawn ir-rati, il-perit sab illi s-soċjetà attriċi fadlilha tieħu elf, sitt mija u tliet liri u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm1,603.78). Billi iżda dan hu iżjed minn kemm talbet l-attriċi, il-bilanċ għandu jitnaqqas għal elf, ħames mija u tmienja u sittin lira (Lm1,568) biex ma jingħatax *ultra petita*.

Dwar xogħol li ma sarx tal-kwalità miftiehma u bid-difetti, il-perit sab illi tassew illi mill-granit li tqiegħed fit-taraġ ta' barra hemm biċċiet li għandhom sfumaturi u vinatura li huma differenti ħafna minn dawk tal-bqija u tqiegħdu f'post prominenti fejn id-differenzi jagħtu aktar fil-għajn. Għalkemm huwa inevitabbli li f'materjal naturali u mhux sintetiku jkun hemm xi differenzi, il-perit kien tal-fehma illi li kieku x-xogħol sar b'aktar għaqal il-biċċiet li kellhom differenzi goffi meta mqabbla mal-bqija setgħu jew jitwarrbu jew jitqiegħdu fejn jagħtu inqas fil-għajn.

Barra minn hekk, il-perit sab ukoll illi t-tqegħid sar ħażin għax qiegħed jinġabar l-ilma.

Għal dawn in-nuqqasijiet il-perit ippropona bħala rimedju illi jinqala' l-granit imqiegħed fil-pjan ta' quddiem il-bieb ta' barra u floku jitqiegħed granit ta' l-istess tip illi jixbah kemm jista' jkun dak imqiegħed fit-taraġ ta' barra; jekk dan ma jistax isir għandu jinqala' x-xogħol kollu tat-taraġ ta' barra.

Il-qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit u wkoll mas-suġġeriment tiegħu dwar kif għandu jinbidel ix-xogħol ħażin, ħlief illi jekk ma jistax jinbidel il-granit imqiegħed fil-pjan ta' quddiem il-bieb ta' barra għandu mhux biss jinqala' x-xogħol kollu tat-taraġ ta' barra iżda jsir mill-ġdid kif iridu l-arti u s-sengħa.

Għalhekk, għalissa tipprovdi billi tagħti lis-soċjetà attriċi żmien ta' tliet xhur millum biex tneħħi, tibdel u tqigħed mill-ġdid il-granit fil-pjan ta' qudddiem il-bieb ta' barra kif indikat fil-ħmistax (15) u sittax-il (16) paragrafu tar-relazzjoni tal-perit, b'dan illi jekk dan ma jistax isir għandu jinqala' x-xogħol kollu tat-taraġ ta' barra u jsir mill-ġdid bi granit ta' l-istess kwalità u kif iridu l-arti u s-sengħa. Ix-xogħol għandu jsir mis-soċjetà attriċi bi flusha taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.Ċ. David Pace, li qiegħed jinħatar għalhekk.

Il-kawża hija differita għas-16 ta' Novembru 2006 fid-9.30 *a.m.* sabiex dakinhar jidher il-perit u jgħid jekk sarx ix-xogħol kif trid din is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------